# PRIM’ AWLA TAL-QORTI CIVILI

**Imhallef:**

**ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D**

**Illum, tnejn w ghoxrin (22) ta’ Lulju, 2002.**

**Citaz. Nru. 1005/95 VDG**

**Catherine Borg**

**v.**

**Raymond Borg**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni prezentata fis-26 ta’ Lulju, 1995 li permezz taghha l-attrici, wara li ppremettiet:

Illi l-kontendenti zzewgu fis-6 ta’ Jannar, 1989 fil-Knisja Parrokkjali taz-Zejtun u matul dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, cioe` Kylie u Naomi, li ghandhom minuri;

Illi l-konvenut irrenda ruhhu hati fil-konfront taghha ta’ adulterju, eccessi, mohqrija, sevizzji u ingurji gravi, b’mod li l-konvivenza bejn il-kontendenti m’ghadhiex aktar possibbli;

Illi b’digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili tat-30 ta’ Mejju, 1995, hija giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali kontra l-konvenut, u inoltre bl-istess digriet giet akkordata lilha l-kura u l-kustodja tal-imsemmija minuri;

Premess dan kollu, l-attrici talbet lill-konvenut jghid ghala din il-Qorti m’ghandhiex:

1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-istess konvenut;

2. tassenja lill-attrici l-kura u l-kustodja tal-imsemmija minuri Kylie u Naomi;

3. tapplika kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili, interament jew in parti, u in kwantu applikabbli ghall-kaz;

4. tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti;

5. tillikwida l-istess komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, u tassenja l-istess kif din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun;

6. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici dik ir-retta alimentari ghaliha u ghat-tfal minuri, li tigi stabbilita mill-Qorti; u

7. tikkundanna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-attrici l-beni parafernali taghha li jistghu jkunu qeghdin fil-pussess tieghu;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond' Awla kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attrici (fol. 6);

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Raymond Borg, minnu ppresentata fid-29 ta' Frar, 1996, li permezz taghha huwa eccepixxa:

"1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

"2. Illi l-gudizzju mhux integru stante li t-tfal mhux parti fil-kawza;

"3. Illi t-tieni premess tac-citazzjoni mihiex fondata, anzi kienet il-konvenuta [**recte:** l-attrici] li rrendiet ruhha hatja lejn zewgha ta' mohqrija, ingurji [u] eccessi gravi;

"4. Illi fil-fatt l-attrici kienet qabdet u telqet mid-dar bit-tfal;

"5. Illi l-attrici la kienet tiehu hsieb il-konvenut u lanqas kienet turih imhabba;

"6. Salvi eccezzjonijiet ohra.";

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur (fol. 22); rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-diversi deposizzjonijiet u affidavits, kif ukoll ir-relazzjonijiet tal-periti Alfred P. Camenzuli (ippresentata fir-registru fl-20 ta' Awissu, 2001 (fol. 227)) u l-Avukat (illum Imhallef) Dott. Tonio Mallia (ippresentata fit-22 ta' Ottubru, 2001 (fol. 253)); semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

**A.** Il-Qorti sejra, qabel xejn, tiddisponi mit-tieni eccezzjoni tal-konvenut, u cioe` li l-process ma hux integru peress li t-tfal ma humiex parti fil-kawza. Huwa veru li, kuntrarjament ghal dak li normalment jigri f'kawzi ta' separazzjoni fejn ikun hemm minuri, f'dan il-kaz l-attrici mhux qed tagixxi wkoll bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri Kylie u Naomi. Dan il-fatt, pero`, ma jfissirx li din il-Qorti ma tistax tghaddi biex tisma' l-kawza u/jew tiddecidiha, jew li ma tistax tipprovdi dwar it-tieni talba ta' l-attrici. Is-subartikoli (1) u (6) ta' l-Artikolu 56 tal-Kodici Civli huwa car, fis-sens li anke jekk ma jkunx hemm talba ghall-kura u l-kustodja tal-minuri, il-Qorti li taghti s-sentenza tal-firda ghandha tordna lil liema wahda mill-partijiet ghandha tigi fdata tali kustodja, u dana dejjem fl-interess suprem tal-minuri. Isegwi wkoll, dejjem

fl-interess suprem tal-minuri u fid-dawl tal-principju enuncjat fl-Artikolu 149 ta' l-imsemmi Kodici, li meta l-minuri jkun ghadu evidentement ma jistax jaqla' l-ghixin tieghu, din il-Qorti tista', f'kawza ta' separazzjoni tal-genituri, tipprovdi anke ghall-manteniment li parti ghandha thallas lill-parti l-ohra ghal dak il-minuri – ikun inkoncepibbli li l-Qorti tghaddi 'l minuri lil parti b'mod li tipprivah mill-manteniment tal-parti l-ohra. Ghalhekk din it-tieni eccezzjoni qed tigi respinta.

**B.** Fil-meritu, din il-Qorti tara li l-allegazzjoni ta' l-attrici li l-konvenut ikkommetta adulterju (qabel id-data tal-presentata tac-citazzjoni) ma jistax jinghad li giet pruvata skond il-ligi. Is-semplici fatt li l-konvenut intlemah diversi drabi fil-kumpanija ta' nisa fil-pubbliku, ma jammontax ghal adulterju; izda mill-kumpless tal-provi – u senjatament mill-affidavits ta' Mary Grace Giardina (fol. 64) u Carmen Syechell (fol. 66) – jirrisulta car li l-konvenut kellu hbiberiji zejda ma' nisa ohra li, fit-totalita` taghhom, jammontaw ghal ingurja gravi fil-konfront ta' martu. Din il-Qorti ssib ukoll li l-attrici ppruvat, sal-grad rikjest f'kawzi civili, li hija ssawtet f'diversi okkazzjonijiet minn zewgha l-konvenut (ara l-affidavit taghha (fol. 25) u c-certifikati medici ezibiti (fol. 40 sa 44)). Il-konvenut, ghalkemm jammetti li martu spiccat rikoverata "Merhba Bik", jghid li hija marret hemm mhux ghax kien isawwatha izda "ghaliex qalet li xebghet". Din il-Qorti tistaqsi: xebghet minn x'hiex? X'jista' jwassal mara, li ghandha dar matrimonjali relattivament decenti u zewgt itfal zghar, li titlaq dik id-dar biex tmur tghix f'"sheltered home" jekk mhux l-intolleranza tal-parti l-ohra fiz-zwieg? Kollox ma' kollox, mill-kumpless tal-provi din il-Qorti tikkonkludi li l-attrici ppruvat ukoll li kien hemm eccessi (konsistenti fi swat) da parti tal-konvenut fil-konfront taghha.

**C.** Kwantu ghall-kura u l-kustodja tat-tfal, u ghall-access ghalihom, ma ngabu ebda provi li jwasslu lil din il-Qorti li tiddipartixxi minn dak li pprovdiet is-Sekond Awla (ara kopja tad-digriet a fol. 31). Jigi rilevat, pero`, li din il-Qorti – cioe` l-Prim Awla – kienet ghamlet xi modifiki fil-hinijiet tal-access, u dan permezz tad-digriet tal-31 ta' Lulju, 1996 (fol. 61 u 62).

**D.** Kif tajjeb osserva l-perit Dott. Tonio Mallia fir-relazzjoni tieghu (fol. 253 *et seq.*) – u li din il-Qorti qed taqbel maghha u taddottaha – il-provi dwar il-proprjeta` mobbli tal-partijiet huma pjuttost limitati. Id-dar matrimonjali ghandha titqies bhala parafernali tal-konvenut. Il-kuntratt ta' akkwist sar fuq ismu u ma giex allegat li dan il-kuntratt kellu jsir fuq isem it-tnejn u li b'ingann il-konvenut nizzel l-akkwist fuq ismu. Lanqas ma gie ppruvat li l-attrici harget xi flus biex inxtrat l-art jew inbniet id-dar. L-attrici tallega li harget xi flus, izda in sostenn ta' din l-allegazzjoni (li giet michuda mill-konvenut) ma ressqet ebda prova. Kwindi, ghar-rigward tad-dar, din ghandha titqies proprjeta` tal-konvenut minghajr ebda dritt ta' xi prelevament favur l-attrici. Ghar-rigward ta' mobbli u vetturi, il-provi huma, kif irrileva gustament l-imsemmi perit, pjuttost neboluzi, u ma jirrizultax car x'gie akkwistat wara z-zwieg. Dwar l-unika vettura li ghadha tezisti – dik

bin-numru DBD-482 – il-konvenut jghid li akkwistaha wara z-zwieg billi partatha ma' vettura ohra li kellu qabel iz-zwieg. Dan kien jaghti lok ghall-prelevament favur tieghu tal-valur ta' dik il-karozza, pero` ma ingabet ebda indikazzjoni ta' l-istat u l-valur ta' dik il-karozza. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tikkredita lill-konvenut bil-valur ta' l-ewwel karozza, u dan it-*truck* ghandu jitqies tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-konjugi Borg minghajr ebda dritt ta' prelevament favur il-konvenut.

**E.** Dwar il-vetturi l-ohra, dawn illum ma jinsabux aktar f'idejn il-konjugi Borg. Jidher li dawn kienu akkwistati bid-dejn u, peress li l-konvenut ma satax ikompli jhallas id-dejn, ghadda l-vetturi lil huh bid-dejn b'kollox. Ghalkemm dan in-negozju jidher xi ftit suspettuz, ma hemm xejn aktar fuqhiex wiehed jimxi jew jibbaza ruhhu, tenut kont tal-fatt li dan in-negozju gie konfermat minn missier il-konvenut u minn huh. L-attrici ma nnegatx li dawk il-vetturi kienu akkwistati "on credit" u li kien ghad hemm id-dejn fuqhom, u kwindi ma jista' jinghata ebda provvediment fir-rigward taghhom.

**F.** Il-mobbli li hemm fid-dar matrimonjali gew stmati – mill-perit is-Sur Alfred Camenzuli – fis-somma ta' elfejn mitejn u sittin lira (Lm2260). Mill-kumpless tal-provi jirrizulta li dawn jappartjenu lill-komunjoni ta' l-akkwisti. Bhala pjan ta' qasma l-perit gudizzjarju ppropona li t-*truck* jinghata lill-konvenut – li ghalhekk ikun irid jghaddi nofs il-valur tieghu, i.e. Lm3500, lill-attrici; fl-waqt li l-attrici tiehu, akkonta tas-sehem taghha mill-komunjoni ta' l-akkwisti l-ghamara kollha li tinsab fid-dar matrimonjali u li giet stmata mill-perit Camenzuli. Naturalment, irid ikun hemm, imbghad, ekwiparazzjoni fis-somma ta' Lm2370. Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dan il-pjan u ser taddottah.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti taqta' w tiddeciedi billi:

**1.** tilqa' l-ewwel talba attrici u konsegwentement tippronunzja l-firda personali bejn il-kontendenti fit-termini tal-Artikolu 35(1) tal-Kodici Civili, u dan minhabba eccessi u ingurji gravi tal-konvenut versu martu l-attrici;

**2.** tilqa' t-tieni talba attrici u konsegwentement tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Kylie u Naomi lill-attrici ommhom, b'dan pero` li l-konvenut ikollu access ghall-istess minuri kull nhar ta' Erbgha bejn l-4.00 pm u s-7.00 pm, kif ukoll bejn il-5.30 pm ta' kull nhar ta' Gimgha sas-7.00 pm tas-Sibt;

**3.** tilqa' t-tielet talba attrici u konsegwentement tiddikjara li l-konvenut tilef (i) il-jeddijiet imsemmijin fl-Artikoli 631, 633, 633A, 825, 826 u 827 tal-Kodici Civili, (ii) dak kollu li kiseb minghand l-attrici b'donazzjoni bi hsieb taz-zwieg, jew waqt iz-zwieg, jew taht titolu iehor gratuwitu, (iii) kull jedd ghan-nofs ta' l-akkwisti li saru l-aktar bil-hidma ta' l-attrici wara l-31 ta' Jannar, 1994, u (iv) il-jedd li jgieghel lill-attrici, f'kull kaz, li taghtih il-manteniment bis-sahha ta' l-obbligu li jitnissel miz-zwieg;

**4.** tilqa' r-raba' talba attrici u konsegwentement tordna li l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti tispicca mill-jum li fih din is-sentenza tkun finali u konkluziva;

**5.** tilqa' l-hames talba attrici u konsegwentement (i) tassenja l-vettura DBD-482 lill-konvenut in piena proprjeta`; (ii) tassenja l-oggetti ta' ghamara stmati mill-perit Alfred P. Camenzuli fir-relazzjoni tieghu a fol. 227 u 228 tal-atti (u indikat fil-paragrafi minn wiehed sa tmienja) lill-attrici in piena proprjeta`; u (iii) tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici in linea ta' ekwiparazzjoni is-somma ta' elfejn tlett mija u sebghin lira (Lm2370);

**6.** tilqa' s-sitt talba attrici u konsegwentement tkkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha s-somma ta' hamsin lira (Lm50) fix-xahar, u bhala manteniment ghat-tfal minuri s-somma ta' mitt lira (Lm100) fix-xahar, pagabbli bil-quddiem fir-residenza tal-attrici; u

**7.** tilqa' s-seba' talba attrici u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-attrici l-beni parafernali taghha li jistghu qeghdin fil-pussess tieghu.

L-ispejjez kollha ta' din il-kawza, inkluzi dawk quddeim is-Sekond Awla, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

Deputat Registratur